MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 889/2011

**L-Avukat Stephen Muscat bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Crenca & Associati**

**Vs**

**European Insurance Group Limited u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2012 il-qorti ordnat li l-isem tal-konvenut ghandu jaqra Brian Tonna bhala stralcarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' European Insurance Group Limited**

Permezz ta' rikors guramentata prezentat fit-12 ta' Settembru 2011 l-attur nomine qieghed jitlob li l-konvenut tigi kundannata thallas is-somma ta' sitta u sittin elf tmien mija u ghaxar ewro (€66,810) dovuti ghall-konsulenza

teknika skond tlett fatturi tat-13 ta' Mejju 2010 ghal €27,540 u 9 ta' Gunju 2010 ghal €39,270; erbat elef sebgha mija u erbgha ewro u sebgha u disghajn centezmu (€4,704.97) imghax sat-12 ta' April 2011, erbgha mija u hamsin ewro (€450) spejjez, tlieta u disghajn ewro u sittin centezmu (€93.60) imposta sul valore aggiunto, u tmintax-il ewro (€18) ghall-spejjez ohra. B'kollox tnejn u sebghin elf u sitta u sebghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€72,076.57).

Jirrizulta li l-kumpannija konvenuta giet xjolta u ai termini tal-Artikolu 28(1)(f) tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni (Kap. 403) l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta hatret lil Brian Tonna bhala stralcarju b'effett mid-29 ta' Settembru 2011.

Permezz ta' nota prezentata fil-31 ta' Jannar 2013, l-istralcarju kkonferma li fil-kotba tal-kumpannija European Insurance Group Limited, Crenca & Associati tidher bhala kreditrici fis-somma ta' €67,679. Iddikjara wkoll li:-

*"l-EIG ma tikkontestax il-kreditu pretiz mill-istess socjeta attrici sa l-ammont imsemmi f'paragrafu (a) ta' din in-nota izda li jikkontesta kwalunkwe ammont li jmur oltre dan l-imsemmi ammont"*.

Sussegwentement permezz ta' nota prezentata fil-5 ta' Marzu 2013, l-istralcarju kkonferma li s-somma ta' €66,679 hi maqsuma b'dan il-mod:-

i. €66,810 sorte;
ii. €307.51 imghax;
iii. €450 spejjez legali;
iv. €93.60 imposta sul valore aggiunto;
v. €18 spejjez ohra.

L-oggezzjoni tal-istralcarju hi mfissra fin-nota li pprezenta fil-31 ta' Jannar 2013:-

*"qieghda tigi opposta kwlunkwe talba tas-socjeta attrici ghall-ordni lill-EIG biex thallas kwalunkwe ammont li din l-Onorabbli Qorti tista' ssib li huwa dovut"* u ghamel

riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kaz **Dr Michael Zammit Maempel nomine vs European Insurance Group Limited** tal-25 ta' Jannar 2013. Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2013, id-difensur tal-istralcarju kkonfermat li ma kien hemm l-ebda oggezzjoni li tintlaqa' t-tieni talba li hi talba sabiex jigi ddikjarat li l-attur nomine hu kreditu fis-somma ta' €72,076.57.

*"Il-Qorti tal-Appell diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara li stralċ taħt l-art. 28(1)(f) tal-Kap. 403 jitqies daqslikieku stralċ mill-qorti u għalhekk igħoddu għalih id-dispożizzjonijiet tal-art. 222 u 303 tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386]"* (Dr **Michael Zammit Maempel nomine vs European Insurance Group Limited** (737/2010) deciza fit-22 ta' Frar 2013)[1].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li l-attur nomine hu kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' sebgha u sittin elf tlett mija u wiehed u sebghin ewro u sittin centezmu (€67,371.60) bl-imghax fuq is-somma ta' €66,810 mid-data tal-fatturi sad-29 ta' Settembru 2011[2].**

**2. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' €67,371.60 bl-imghax kif inghad, jekk hemm fondi minn fejn jista' jsir il-hlas ta' din is-somma jew ta' xi parti minnha. B'dan li l-istralcarju ghandu jizgura li l-attur nomine ma jinghatax xi preferenza fuq kredituri ohra. Inoltre taghmilha cara li diment li European Insurance Group**

---

[1] Ara wkoll sentenza **Dr Mark Refalo nomine vs European Insurance Group Limited** deciza fid-9 ta' Novembru 2012. Il-qorti kkonkludiet li l-Artikolu 222 u 303 tal-Kap. 386 japplikaw f'kaz ta' xoljiment u stralc li jsir skond il-provvedimenti tal-Kap. 403, minhabba r-regolament 10(2) tar-*Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding Up of Insurance Undertakings*. Il-qorti osservat, *"Billi Awtorita, bħall-qorti, hija indipendenti kemm mis-soċjeta nfisha, kemm mill-membri tagħha u kemm mill-kredituri, stralċ mill-Awtorita aktar għandu xebh ma' stralċ mill-qorti milli ma' stralċ volontarju u għalhekk, fil-fehma tal-qorti, id-dispożizzjonijiet ta' stralċ li jirregolawh għandhom ikunu dawk ta' stralċ mill-qorti aktar milli dawk dwar stralċ volontarju."*.

[2] Id-data tax-xoljiment. Ara Artikolu 537 tal-Kodici tal-Kummerc li m'hemmx raguni ghalfejn m'ghandux japplika f'dan il-kaz.

**Limited qeghda fi stralc, l-attur nomine m'ghandux jedd jipprocedi ghall-esekuzzjoni ta' din is-sentenza permezz ta' atti ezekuttivi jew mezzi ohra li jistghu jwasslu biex f'dan l-istadju jinghata preferenza fuq kredituri ohra[3].**

**Spejjez a karigu tal-konvenut nomine.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara Artikoli 222 u 303 tal-Kap. 386.